# Il-Familja ta' San Mattew



kitba ta' Paul Callus

Jekk inħarsu lejn ir-Reġistru Elettorali tal-1947, insibu illi fid-dar Nu. 6 fi Sqaq Nu. 1 (illum Triq il-Kenn) fi Triq Sta. Marija, Ħal Safi kienu joqogħdu l-koppja Leonardu u Pawla Falzon. Huma kienu żżewġu ħames snin qabel, is-Sibt 17 ta' Ottubru 1942, il-ġurnata li fiha nġiebet il-midalja tal-*George Cross* għall-wiri f'Ħal Safi.

Leonardu, jew Nardu kif kienu jafuh in-nies tar-raħal, kien mill-familja Ta' San Mattew u twieled fl-1909. Martu Pawla nèe Busuttil kienet mill-familja Ta' Feċeċċ u twieldet fl-1923. Nardu kien jaħdem fil-ġebel u kien naġġar tajjeb. Kien idoqq il-klarinett mal-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq u kien ukoll jaħdem in-nar għall-festa ta' San Pawl. Pawla kienet tagħti sehemha biex taqla' xi sold għall-familja u kienet tmur bil-ħmara u l-karettun tbigħ il-frott u l-fniek f'irħula oħrajn, speċjalment Ħal Qormi. Meta meħtieġ kienet anke tagħti daqqa t'id fix-xogħol tar-raba'.



Nardu Falzon ta' San Mattew (fuq quddiem l-ewwel mix-xellug) mad-dilettanti tan-nar Ħalsafin.



Nardu u Pawla meta żżewġu (1942)

Kemm damu jgħixu f'dik id-dar il-koppja Falzon tweldulha tmint itfal. Dawn kienu Carmen (1945), Pawlu (1946), Joe (1948), Tessie (1950), Michael (1952), Josephine (1953), u t-tewmin M'Rosaria (Lucy) u Antonia (Nina) (1957).

Fl-1959 il-familja kollha emigrat lejn l-Awstralja. Kien Nardu li siefer l-ewwel. Huwa mar f'April, kważi 9 xhur qabel l-oħrajn, sabiex jakkwista dar fejn joqogħdu. Telqu minn Malta għall-bidu ta' Diċembru fuq il-bastiment *Flaminia* u waslu l-Awstralja kważi xahar wara, fit-3 ta' Jannar 1960. B'hekk din is-sena taħbat il-**50** waħda mindu huma waslu l-Awstralja.

Għall-ewwel huma kienu joqogħdu Paddington, imbagħad marru Malabar. Dawn iż-żewġ postijiet huma subborgi ta' Sydney. Nardu kien jaħdem bħala *labourer* u stinka ħafna għall-familja. Anke Pawla ħtiġilha li tmur taħdem, avolja kellha familja mdaqqsa x'tieħu ħsieb. Intant fl-1963 twelditilhom tarbija oħra u semmewha Julie. Dak iż-żmien ix-xogħol kien jieħu prijorità u ftit li xejn kien hemm ħin għal divertiment. Ma setax jonqos iżda, illi Nardu, bħal ħafna Maltin oħra, jidħol membru fil-*Maltese Social Band Club*.

Kien fl-1971 illi Pawla rnexxielha tiġi lura Malta biex tara lil tal-familja; magħha ġabet lit-tfal Tessie u Julie.



L-aħwa, ulied Nardu u Pawla, fil-preżent.
Bilwieqfa mix-xellug: Pawlu, Michael u Joe.
Bilqiegħda: Tessie, Nina, Carmen, Josephine, Lucy u Julie.
Inset: Tessie

Nardu ġie Malta fl-1972. Ħames snin wara, fl-1977, Nardu u Pawla ġew għal mawra oħra f'Malta u żaru wkoll xi pajjiżi Ewropej oħra.

Illum Nardu u martu Pawla t-tnejn li huma marru jistrieħu fi ħdan il-Mulej. Nardu miet fit-12 ta' Mejju 1990 fl-età ta' 81 sena filwaqt li Pawla mietet fit-2 ta' Mejju 1997 meta kellha 74 sena.

It-tfal ta' Nardu u Pawla kibru u sabu mpjiegi varji: 4 skrivani, 3 xufiera tat-trakkijiet u karozzi tal-linja, *hairdresser*, *accountant*. Ilkoll iżżewġu, minbarra Nina. Tmienja minnhom baqgħu jgħixu l-Awstralja, filwaqt illi Tessie żżewġet Amerikan, Robert Dean, u marret toqgħod f'North Carolina USA. Huma għandhom tlett itfal – Jerry Paul, Bobby Joe u Julie Ann.



Pawla Falzon, flimkien ma' wliedha qabel ħallew Malta fl-1959.

Carmen iżżewġet lil Alec Exton u għandhom tifel u tifla tewmin – Elizabeth u Richard. Carmen tagħmel ħafna xogħol ta' volontarjat.

Pawlu żżewweġ darbtejn, l-ewwel lil Maryanne Borg u kellhom lil Fiona u Jason, imbagħad lil Claire Ross u għandhom lil Patricia u Andrew. Pawlu jdoqq id-*drums* u ilu jdoqq ma' *bands* għal dawn l-aħħar 45 sena.

Joe żżewweġ lil Sherrylyn Craig; għandhom tifel, Anthony, u żewġt ibniet, Belinda u Janelle.

Michael iżżewweġ lil Carmen Zahra. Għandhom tlett ibniet. Vanessa hija l-kbira, imbagħad hemm Stephanie u Danielle li huma tewmin.



*Flaminia* - Il-bastiment li siefru fuqu lejn l-Awstralja.

Josephine iżżewġet lil Stephen Wilson u għandhom żewġt itfal, Mark u Lisa.

Lucy żżewġet lil Peter Caswell; dawn ukoll għandhom tifel u tifla li jisimhom James u Ashleigh.

Julie żżewġet lil Max Fiocco u għandhom lil Gabriella u Nicholas.

Kien xieraq illi, fl-okkażjoni tal-50 anniversarju minn meta emigraw biex jibdew ħajja ġdida fl-Awstralja, nerġgħu niftakru f'dawn ħutna Ħalsafin li tul dan iż-żmien kollu qatt ma nsew jew ċaħdu lir-raħal fejn twieldu u lil art twelidhom. Naf żgur li l-ħafna qraba li għandhom f'dan ir-raħal japprezzaw it-tiġdid ta' dawn il-memorji.

KAZIN SAN PAWL SAFI A.D. 1929

**Fil-jiem tal-festa nħeġġu lil kulħadd biex jersaq aktar lejn is-Sagramenti.**